# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 30 ta' Lulju 2017
Is-XVII Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Illum ser niċċelebraw il-liturġija tas-sbatax –il Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex nikbru fil-perseveranza.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (1 Slat 3, 5.7-12)
Id-don li Alla ta lil Salamun kien l-għerf.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 118 (119), 57.72.76-77.127-128.129-130)
Kemm inħobbha l-liġi tiegħek, Mulej

**It-Tieni Qari** (Rum 8, 28-30)
Alla sar xbieha tagħna biex jaħdem għall-ġid tagħna.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 13, 44-52)
Is-Saltna t'Alla hija tassew teżor prezzjuż.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Id-dixxipulat wara Kristu jitlob perseveranza u atteġġjament ta' radd il-ħajr.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
L-Ewkaristija hija dik it-teżor tal-ħajja tagħna.
Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.